# Stqarrija

## Avultun Abjad Hugo ipassi b'wiċċ il-ġid minn Malta wara tlett ijiem ta' sorveljanza kontinwa

Malta esperjenzat avveniment rari nhar il-Ħadd meta wasal Avultun Abjad (*Neophron percnopterus*), ftit sigħat biss qabel ma fetaħ l-istaġun tal-kaċċa fl-1 ta' Settembru. Grazzi għall-kooperazzjoni bejn l-assoċjazzjoni Taljana CERM (Ċentru tat-Tajr tal-Priża fil-Periklu) u BirdLife Malta, il-movimenti tal-għasfur kienu segwiti permezz ta' trasmettitur bis-satellita u mmonitorjati mill-qrib matul iż-żjara tiegħu.

Hugo, l-isem li tawh CERM, huwa wieħed minn żewġt ifrieħ li faqqsu din is-sena fiċ-ċentru tat-trobbija fil-magħluq fit-Toskana. Mrobbi fil-magħluq, Hugo huwa parti minn sforzi biex tissaħħaħ il-popolazzjoni selvaġġa dejjem tonqos ta' wieħed mill-aktar għasafar tal-priża rari fl-Ewropa. L-ispeċi hija ikklassifikata fil-periklu li tinqered fil-Lista l-Ħamra tal-IUCN u fl-Italja għad fadal biss madwar għaxar koppji li jbejtu, il-maġġoranza tagħhom fi Sqallija.

Dehriet f'Malta huma rari ħafna u ġeneralment jinvolvu għasafar żgħar waqt l-ewwel passa tagħhom lejn l-Afrika. Għax huma rari, huma fil-mira ta' kaċċaturi illegali u kolletturi ta' għasafar ibbalzmati.

Żjarat preċedenti ta' Avultuni Bojod minn CERM spiċċaw b'mod traġiku: fl-2021 Isabel għebet qrib l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli u huwa maħsub li x'aktarx li nqatlet, filwaqt li Tommy nqatel fl-2022 u t-trasmettitur tiegħu nstab aktar tard fuq ix-xtajta tal-Ġnejna.

Hugo beda jpassi fit-26 ta' Awwissu minn nofsinhar tal-Italja. Huwa wasal Malta nhar il-Ħadd wara nofsinhar, tar minn fuq Marsaskala, Marsaxlokk u l-Buskett, fejn paxxa lil dawk li kienu qed josservaw l-għasafar. Dakinhar filgħaxija, mar jistrieħ fil-Victoria Lines, segwit minn tim konġunt ta' BirdLife Malta u l-Malta Rangers Unit u mbagħad qagħdu għassa miegħu lejl sħiħ timijiet ta' voluntiera.

Mal-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa l-għada filgħodu, ir-riskji żdiedu sew. Wara li nstemgħu tiri fil-qrib, BirdLife Malta u l-pulizija mis-sezzjoni tal-ħarsien tal-ambjent, l-EPU, sabuh jistrieħ f'art privata.

Fil-jumejn ta' wara Hugo pprova jkompli l-vjaġġ tiegħu darbtejn, darba saħansitra tar 25 km 'l barra mill-kosta qabel ma kellu jirritorna minħabba r-riħ qawwi. Fl-aħħar

waqaf fil-Park tal-Majjistral, fejn ġie provdut b'ikel supplimentari biex jgħinu jirkupra saħħtu.

Nhar it-Tlieta filgħodu Hugo reġa' telaq, għadda minn l-iMtaħleb qabel ma qasam lejn Filfla għall-ħabta tal-11:30am. Din id-darba, ir-riħ kien favorih mill-Majjistral u għenu jkompli bil-vjaġġ tiegħu lejn il-kosta Afrikana.

"Din l-istorja turi l-importanza strateġika ta' Malta fil-protezzjoni ta' speċi fil-periklu u kif il-kooperazzjoni internazzjonali u lokali tista' tagħmel differenza għall-futur tal-Avultun Abjad, li jinsab f'xifer li jiġi estint," qal Nicholas Barbara, Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta. "Li tipproteġi għasfur wieħed biss jirrikjedi sforz kbir f'pajjiż fejn il-kaċċa illegali tibqa' theddida serja."

Il-President ta' CERM Guido Ceccolini żied jgħid: "It-trobbija ta' Avultun wieħed fil-magħluq tieħu xhur ta' xogħol u tiswa eluf ta' ewro. Mingħajr protezzjoni, dak l-investiment jintilef fl-ibbalzmar tal-għasafar. Grazzi lil BirdLife Malta, il-voluntiera tagħha u l-pulizija, Hugo issa hu parti minn storja ta' suċċess aktar milli traġedja."

Hugo issa mistenni jkompli l-ewwel passa tiegħu minn fuq id-deżert Alġerin u jibqa' sejjer lejn in-naħa t'isfel tal-Afrika, fejn x'aktarx iqatta' l-ewwel tliet snin qabel ma jirritorna lejn l-Ewropa u jibda jbejjet mis-sitt sena ta' ħajtu 'l quddiem.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Egyptian Vulture Neophron Percnopterus Species Factsheet | BirdLife DataZone

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**
1. Egyptian Vulture Hugo_sat trakked IKH with ring_Dwejra Malta_1st Sep 2025_BirdLife Malta
2. Egyptian Vulture Hugo_sat trakked IKH with ring_Dwejra Malta_1st Sep 2025_BirdLife Malta
3. Egyptian Vulture Hugo appena nato a Maggio 2025_Anna Cenerini
4. Egyptian Vulture Hugo con GPS e anelli_Anna Cenerini